**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 8**

**Data:** It-Tlieta, 23 t' Awwissu 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti online**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopard – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużat**
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

## 8.1 Ittri ta' apoloġija

8.1.1 Il-President informa li s-Sur Steven Axisa u s-Sur Cliford Galea Vella talbu li jkunu skużati minħabba impenji personali.

8.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li għandhom jitniżlu bħala skużati.

## 8.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 7

8.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

8.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

## 8.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 8

8.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u Dr. Samuel Azzopardi, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Lulju 2022 u t-23 t' Awwissu 2022 li kienet tammonta għall-€331,405.26.

## 8.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 7

| | |
|---|---|
| **8.4.1 Laqgħa Plenarja** | Il-President semma li qed tkun problema biex f' Għawdex jinstab post addatat għall-konferenzi. Filwaqt li l-prezzijiet tal-lukandi qed ikunu ferm għoljin. Semma li l-laqgħa ser tkun qed issir ġewwa l-Conference Centre tal-Aurora. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tippubblika RFQ sabiex tagħmel ftehim li jkun ikopri rata fissa għall-post tal-konferenzi ġewwa Għawdex. |
| **8.4.2 Sejħa għall-AEDs** | Il-President semma li reġgħet saret l-evalwazzjoni wara li kull bidder ingħata l-opportunita' li jagħmel demonstrazzjoni tal-prodott offrut quddiem parti mill-Board tal-Evalwazzjoni flimkien ma' espert tekniku fil-qasam. Wara li reġgħet saret l-evalwazzjoni kif kien mitlub mill-PCRB, il-Board iddeċieda li l-ebda offerrent ma kien teknikament konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba fis-sejħa u għaldaqstant, il-Board irrekomanda li taqa' s-sejħa. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**8.4.3 Sejħiet ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali**

Il-President semma li s-sejħiet ta' ħames Reġjuni ġew miftuħa peress li fuq ir-Reġjun t' Għawdex hemm appell u li s-sejħa ser tkun qed tinfetaħ f' Settembru. Semma li jidher li l-avukat issuġġeriet mid-Diviżjoni sabiex jirrappreżenta lir-Reġjun beda joħroġ il-fatturi lir-Reġjuni sabiex iħalsu għal dan is-servizz. Indikaw li l-ispiża ser tkun ta' madwar €1,300 għal kull Reġjun. Kien hemm diskussjoni jekk din l-ispiża għandiex tkun koperta mid-Diviżjoni. Fuq proposta ta' Dr. Samuel Azzopardi, ssekkondata minn Chev. Paul Farrugia kien hemm qbil li r-Reġjuni jaħalsu lill-avukat imma jibgħatu fattura lid-Diviżjoni sabiex ikopru dawn l-ispejjeż lura.
Chev Paul Farrugia reġa' fakkar li r-Reġjun Port lanqas kopja tal-mandat baqa' ma rċeviex.

**8.4.4 Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13 – AKL**

Il-President informa li l-Board tal-Intervisti kien iltaqa' u kienet ġiet magħżula waħda mill-kandidati. Il-President semma li l-urġenża ta' din is-sejħa peress li kien telaq wieħed mill-impjegati u impjegati ieħor kellu għaxart ijiem leave li ma setax jikkanċella, l-Assoċjazzjoni kienet qed topera b' impjegat wieħed biss. Għaldaqstant kien ġie kkomunikat mal-Eżekuttiv sabiex l-impjegata tibda mit-Tnejn, 22 t' Awwissu 2022. Il-President semma li kien hemm qbil dwar dan u għaldaqstant l-imjig beda minnufih.

**8.4.5 Seminar rigward il-Planning Development Fund**

Il-President semma li kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet sabiex issir seminar matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu b' kollaborazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jingħata tagħrif u anki jiġu trattati ċertu problemi li forsi l-Kunsilli qed jaffaċċjaw sabiex jibbenifikaw minn dan il-fond. Semma li l-laqgħa ser issir nhar 25 t' Ottubru 2022.

**8.4.6 Taħriġ fuq Fiannzi u Bookkeeping**

Il-President semma li kienu daħlu madwar 40 applikazzjoni sabiex jattendu għal taħriġ finanzjarju li kien ser jinżamm fuq tliet ijiem bejn 20 u 23 ta' Settembru 2022. Il-President semma li l-Kunsilli Reġjonali/ Lokali intalbu jkopru parti mill-ispiża li kienet tammonta €250 għal kull persuna li tattendi. L-Assoċjazzjoni kienet ser tiffinanzja l-kumplament.

**8.4.7 Spejjeż Tribunali Reġjonali u Amministrazzjoni ta' Tribunali**

Il-President semma li kien reġa' kiteb lis-Segretarji Permanenti li huma responsabbli mill-ġustizzja kif ukoll mill-Gvern Lokali sabiex issir laqgħa mal-Presidenti Reġjonali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **8.4.8 Laqħa mas-Segretarju Permanenti Ewlieni** | Il-President semma li kien intbgħat ukoll reminder sabiex issir din il-laqgħa. |
| **8.4.9 Commercial Packaging Waste** | Il-President semma li ser jerġgħu jintbgħatu reminders. Peress li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni oħra mill-aħħar laqgħa tal-Eżekuttiv. |
| **8.4.10 Kors ta' taħriġ għall-Evalwaturi fuq l-ePPS** | Il-President fakkar li nhar is-Sibt 17 ta' Settembru kien ser jinżamm il-kors ta' taħriġ imsemmi. Semma li kien hemm madwar ħamsin persuna li rreġistraw li jattendu. |
| **8.4.11 Żjara mill-President tal-Kungress Ewropew** | Il-President semma li kienu intbgħatu l-ispejjeż ta' din l-attivita' lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali peress li kien hemm qbil li parti mill-ispejjeż jingħataw lura mid-Diviżjoni peress li l-Ministeru għall-Affarjiet Barranin ma kienx ikkontribbwixxa f' din iż-żjara. |
| **8.4.12 Kontroll ta' traffiku ħdejn l-iskejjel** | Il-President semma li wara laqgħa li kien hemm mal-partijiet kollha kkonċernati li ġiet ikkomunikata mal-Kunsilli Lokali ta' liema skejjel ser ikunu qed jassistu sabiex il-Kunsill joffri barriers jew traffic cones u l-uffiċjali fl-iskola jkunu jistgħu joħorġuhom waqt il-ħin ta' dħul u ħruġ mill-iskola. Il-President semma li bdew ukoll diskussjonijiet sabiex jitressqu proposti għall-emendi tal-liġi tal-Private Security Act.<br>Dr. Azzopardi semma minkejja l-ambigwita' li jista' jkun fil-liġi rigward l-interpretazzjoni ta' min huwa responsabbli mis-sigurta' ta' ħdejn l-iskejjel, legalment il-Pulizija huma l-entita' responsabbli. |
| **8.4.13 Sejħa pubblika għas-servizz ta' Chief Executive relatat ma' xogħol ta' CoE/ COR** | Il-President semma li fuq rakomandazzjoni tal-PCRB, reġa' inħatar Board ta' Evalwazzjoni ġdid. Semma li l-Board lesta r-rapport tiegħu u resqu għall-approvazzjoni. Is-Sur Sandro Azzopardi astjena peress li hu kien parti mill-Board t' Evalwazzjoni. |

## 8.5 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **8.5.1 Talba għall-Qualification Allowance** | Il-President semma li wieħed mill-Uffiċjali Eżekuttivi ressaq it-talba għall-Qaulification Allowance fuq livell ta' Masters fi Traduzzjoni tal-Lingwi. Fuq talba tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva t-talba. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

8.5.2 Is-Sur Max Zammit talab li jkun skużat mil-laqgħa 18:32

**8.5.3 European Local Democracy Week**

Il-President semma li l-AKL iddedikat budget ta' €5,000 sabiex issiru attivitajiet ta' Placemaking nhar 23 t' Ottubru ġewwa l-lokalita' tal-Isla. Semma li għall-Press call u l-workshops li ser isiru ġewwa l-AUM nhar 22 t' Ottubru 2022, ser jattendu rappreżentanti minn Placemaking Europe u andki kelliema mill- European Local Democracy Week (COE).

**8.5.4 Kunsilli Lokali Naxxar – Kumpanija GO TO**

Il-President semma li l-AKL kienet ikkupjata b' korrispondenza li l-Kunsill Lokali Naxxar kien qed jikkomunika mal-GOTO ħabba sfidi konnessi ma' din il-kumpanija li għaddej minnhom il-lokali.

**8.5.5 Bela Palanka Serbia**

Il-President semma li wara żjara li kien hemm ġewwa s-Serbja, l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kunsill Reġjonali Port u l-Kunsill Lokali tal-Isla żammew kuntatt ma' Bela Palanka ġewwa s-Serbia sabiex wieħed jiddiskuti kif iż-żewġ pajjiżi jistgħu jikkollaboraw aħjar. Filfatt il-lokal tal-Isla diga beda diskussjonijiet fuq gemellagg.

**8.5.6 Anti Racisim Platfrom**

Il-President semma li l-AKL reġgħet ġiet mistiedna għal-laqgħa oħra ta' Anti Racism Platform. Semma li minħabba li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu fuq xogħol barra minn Malta, għaldaqstant informa li jekk m' hemm ħadd mill-Eżekuttiv li hu interessat li jattendi, din id-darba ser ninfurmaw sabiex inkunu skużati.

**8.5.7 Postijiet Vakanti – Segretarji Eżekuttivi**

Il-President semma li jidher li għaddhom għaddejjin id-diskussjonijiet sabiex tinstab soluzzjoni dwar l-proċess ta' intervisti għas-Segretarji Eżekuttivi. Dan minħabba li jrid ikun hemm qbil mal-PSMC fuq struttura u mekkaniżmu peress li bil-ftehim kollettiv tas-Segretarju Eżekuttivi jistipula li wara snin ta' servizz fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, wieħed jitqies bħala Uffiċjal Pubbliku. Semma li jidher li għad hemm nuqqas ta' qbil dwar screening committee.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **8.5.8 JRS – NGO** | Il-President semma li kien hemm laqgħa ma' JSR Malta fejn dawn talbu l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali sabiex imigranti li mgħandhomx kont bankarju jkunu jistgħu jħallsu u japplika għal tal-Linja Card. Wara diskussjoni, l-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' ma' JRS sabiex issir ittra konġunta f' isem JRS u l-AKL u tinbgħat lil Malta Pubblic Transport sabiex flimkien forsi tinstab soluzzjoni. |
| **8.5.9 Concept Note – Reġjun Nofsinhar** | Il-President semma li Reġjun Nofsinhar kien ikkopja lill-Assoċjazzjoni b' concept note fuq proġett ta' taħriġ għall-impjegati li r-Reġjun ser ikun qed jipproponi u anki semma li inbdew diskussjonijiet mal-Jobsplus sabiex isibu mezz kif jiġi formulat il-kurikulum. |
| **8.5.10 BCRS** | Il-President semma li rigward il-Reverse Vending Machines għadd hemm xi lokalitajiet li għadhom ma qablux fuq żona fejn għandu jiġi installat din il-makkinarju. |
| **8.5.11 e-Scooters** | Il-President semma li gaħndu jiltaqa' mal-Ministru responsabbli peress li bdew diskussjonijiet għall-bidla fil-policy. |
| **8.5.12 Proposta għall-Budget** | Il-President semma li ser jipprova jara li jitressaq dokument uffiċjali bħala proposti għall-budget mill-Gvern Ċentrali. |
| **8.5.13 Perforamce Appraisal ex-impjegat AKL** | Wara diskussjoni li saret bejn il-Membri jekk l-ex impjegat għandux jingħata 6%, fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel li għandu jingħata 5.5%. |

**8.6 Tnedija ta' Konsultazzjoni – Strateġija għall-Gvern Lokali**

8.6.1 Il-President informa li minkejja li s-Segretarjat ħareġ stedina għall-Kunsilli Reġjonali, bħala President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali huwa baqa' ma rċeviex stedina la għat-tnedija ta' din il-konsultazzjoni u wisq anqas ġie ikkonsultat jew magħrraf li ser tkun qed tinħaddem strateġija għall-Gvern Lokali. Semma li anki meta ċemplulu biex jara jekk hux se jattendi, huwa tkellem ma min ċempel li hu ma ricieva xejn. Minkejja li għaddiet aktar minn gimgha minn din it-telefonata għadu ma kellmu ħadd biex jikkjarifika hux mistieden jew le. Huwa qal li l-Presidenti huma liberi jagħmlu li jħossu imma hu ma jistax jattendi jekk rceviex stedina biex jattendi.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

8.6.2 Il-President semma li jinstab urtat li diversi korrispondenzi li qed joħorġu mill-AKL fosthom bħall-korrispondenza fuq Packaging Waste, skemi li kulħadd jaf li qed joħorġu mingħajr l-ebda direzzjoni tant li skema minnhom Kunsill seta' jagħmel minn taħriġ sa proġett kapitali kif ukoll oħrajn dawn baqgħu la ġew biss acknowledged wisq anqas imwieġba.

8.6.3 Dr. Samuel Azzopardi semma li ma jarax li huwa lok li s-Segretarjat jobbliga u jessiġi attendenza mandatorja. Semma li dan huwa l-irwol tad-Diviżjoni u mhux tas-Segretarjat.

8.6.4 Is-Sur Jesmond Aquilina qal li hu ser jattendi għat-tnedija għax ma jħossx li jekk ma jmurx ser iwassal biex jissolvew dawn il-problemi li qed jiġu elenkati.

8.6.5 Is-Sur Charles Bonello semma li qabel tiġi imedija strateġija oħra jkun jagħmel sens u wieħed jifhem li għadd hemm riforma li ma ġietx implimentata. Semma li l-vera riforma għandha tkun waħda li r-resident iħoss li saret bidla, jemmen li dan is-sentiment s' issa għadu qatt ma nħass mir-resident.

8.6.6 Is-Sur Jesmond Aquilina semma li huwa ma jħossx li għandu jikkummenta qabel jirċievi l-informazzjoni mingħand is-Segretarjat fuq l-istrateġija li ser tkun qed titpoġġa għall-konsultazzjoni.

8.6.7 Dr. Samuel Azzaopardi semma li l-AKL għandha tieħu pożizzjoni komuni. Għaldaqstant Dr. Samuel Azzopardi propona li bħala soledarjeta' mal-AKL, il-Presidenti Reġjonali wkoll jastjenu milli jattendu għal din it-tnedija. Fuq proposta ta' Dr. Azzopardi, issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv qabel li għandu jittieħed vot.

8.6.8 Is-Sur Anthony Chircop semma li jekk sal-aħħar jiem qabel it-tnedija ma jkunx hemm żblokk, għaldaqstant jaqbel li wieħed jastjeni milli jattendi.

8.6.9 Il-President semma li l-għada, kellu skedata laqgħa mal-Onor Alison Zerafa Civelli fuq materji ohra u se jikkjarifika din il-materja u jinforma lil ezekuttiv b' dak li jkun sar. Huwa tenna li l-kollaborazzjoni strategika trid tibda l-ewwel bejn id-Dipartiment u l-Assocjazzjoni u rrimarka li sa jumejn iliu kien fuq l-istess mejda mad-Direttur Generali fost l-ohrajn, jiddiskutu issues tal-Kunsilli Lokali u fl-ebda hin ma ssemmiet din ir-riforma.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

8.6.10 Dr. Samuel Azzopardi talab għall-vot:

**Favur li jkun hemm astenzjoni mil-laqgħa ta' konsultazzjoni organizzata mis-Segretarjat għall-Gvern Lokali jekk kemm-il darba ma jkunx hemm stedina lill-Assoċjazzjoni sabiex tattendi**

| | |
|---|---|
| Mario Fava | Favur |
| Samuel Azzopardi | Favur |
| Paul Farrugia | Favur |
| Anthony Chircop | Favur |
| Sandro Azzopardi | Favur |
| Jesmond Aquilina | Kontra |
| Max Zammit | Astjena |
| Charles Bonello | Favur |
| Stephen Spiteri | Favur |

**8.7 Aġġornament**

8.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.9 li nżammet nhar il-Ħamis, 29 ta' Settembru 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**